III

*(Atti preparatorji)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 3/2008

**adottata mill-Kunsill fil-20 ta' Diċembru 2007**

**bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika ta' l-ilma u li temenda d-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE 84/491/KEE, 86/280/KEE u 2000/60/KE**

(2008/C 71 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) It-tniġġis kimiku ta' l-ilma tal-wiċċ huwa ta' theddida għall-ambjent akkwatiku b'effetti bħalma huma tossiċità akuta u kronika għall-organiżmi akkwatiċi, akkumulazzjoni fl-ekosistema u telf ta' l-abitati u l-bijodiversità, kif ukoll theddid għas-saħħa tal-bniedem. Bħala kwistjoni ta' prijorità, l-kawżi tat-tniġġis għandhom jiġu identifikati u l-emissjonijiet għandhom jiġu ttrattati fl-oriġini tagħhom, bl-aktar mod ekonomikament u ambjentalment effettiv.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali ([3]) tafferma li l-ambjent u s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja huma prijoritajiet ambjentali ewlenin ta' dak il-Programm, u b'mod partikolari tenfasizza l-ħtieġa li tkun stabbilita leġislazzjoni aktar speċifika fil-qasam tal-politika ta' l-ilma.

(3) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([4]) tistabbilixxi strateġija kontra t-tniġġis ta' l-ilma u tesiġi aktar miżuri speċifiċi għall-kontroll tat-tniġġis u għal standards ta' kwalità ambjentali (EQS, environmental quality standards). Din id-Direttiva tistabbilixxi EQS konformement mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi tad-Direttiva 2000/60/KE.

(4) Skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, u partikolarment il-paragrafu 1 tal-punt (a), l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa skond l-Artikolu 16(1) u (8) ta' dik id-Direttiva, bil-għan li jitnaqqas progressivament it-tniġġis minn sustanzi prijoritarji u jitwaqqfu jew jitwaqqfu f'fażijiet l-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi.

(5) Mis-sena 2000 ġew adottati diversi atti Komunitarji li jistabbilixxu miżuri ta' kontroll tat-tniġġis skond l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE għal sustanzi prijoritarji individwali. Barra minn hekk, ħafna miżuri għall-protezzjoni ta' l-ambjent jaqgħu fl-ambitu ta' leġislazzjoni Komunitarja eżistenti oħra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni u r-reviżjoni ta' l-istrumenti eżistenti aktar milli sabiex jiġu stabbiliti kontrolli ġodda.

([1]) ĠU C 97, 28.4.2007, p. 3.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 20 ta' Diċembru 2007 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

(6) Rigward il-kontrolli ta' emissjonijiet ta' sustanzi prijoritarji minn sors wieħed u minn sorsi mxerrda kif imsemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE, jidher li jkun aktar effettiv meta mqabbel ma' l-ispiża u proporzjonat għall-Istati Membri jekk jinkludu, fejn meħtieġ, flimkien ma' l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja eżistenti oħra, miżuri adegwati ta' kontroll, skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/60/KE, fil-programm ta' miżuri li għandu jiġi żviluppat għal kull distrett ta' baċir ta' xmara skond l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.

(7) Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika ta' l-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE ([1]) tistabbilixxi l-ewwel lista ta' 33 sustanza jew grupp ta' sustanzi li ġew ipprijoritizzati għal azzjoni fil-livell Komunitarju. Fost dawk is-sustanzi prijoritarji, ċerti sustanzi ġew identifikati bħala sustanzi prijoritarji perikolużi li għalihom l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri meħtieġa bil-għan li jitwaqqfu jew jitwaqqfu f'fażijiet l-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi. Xi sustanzi kienu qegħdin jiġu riveduti u għandhom jiġu kklassifikati. Il-Kummissjoni għandha tkompli tirrivedi l-lista ta' sustanzi prijoritarji, filwaqt li tipprijoritarizza lil sustanzi għal azzjoni abbażi ta' kriterji maqbula li juru r-riskju għal, jew vija, l-ambjent akwatiku, skond l-iskeda ta' żmien prevista fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE, u tressaq proposti skond il-ħtieġa.

(8) Mill-perspettiva ta' l-interess Komunitarju u għal regolamentazzjoni aktar effettiva tal-protezzjoni ta' l-ilma tal-wiċċ, huwa xieraq li jiġu stabbiliti EAS għall-kontaminanti kklassifikati bħala sustanzi prijoritarji fil-livell Komunitarju u li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu, fejn meħtieġ, regoli għall-kontaminanti li jifdal fil-livell nazzjonali, suġġetti għall-applikazzjoni ta' regoli Komunitarji rilevanti. Minkejja dan, tmien kontaminati li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-valuri ta' limitu u oġġettivi ta' kwalità għar-rilaxx ta' ċerti sustanzi perikolużi inklużi fil-Lista I ta' l-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE ([2]) u li jiffurmaw parti mill-grupp ta' sustanzi li għalihom l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb sa l-2015, suġġett għall-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, ma kinux inklużi fil-lista ta' sustanzi prijoritarji. Madankollu, l-istandards komuni stabbiliti għal dawk il-kontaminanti wrew li kienu utli u huwa xieraq li tinżamm regolamentazzjoni ta' l-istandards tagħhom fil-livell Komunitarju.

(9) Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-objettivi attwali ta' kwalità ambjentali, stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE tat-22 ta' Marzu 1982 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi tal-kwalità għall-iskariki ta' merkurju mill-industrija ta' l-elettrosi tal-kloruri alkalini ([3]), id-Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE tas-26 ta' Settembru 1983 dwar il-valuri ta' limitu u objettivi ta' kwalità għar-rilaxx tal-kadmju ([4]), id-Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE tat-8 ta' Marzu 1984 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għar-rilaxx ta' merkurju minn setturi li mhumiex dawk ta' l-industrija ta' l-elettrolżi tal-chlor-alkali ([5]), id-Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE tad-9 ta' Ottubru 1984 dwar il-valuri ta' limitu u l-objettivi ta' kwalità għar-rilaxx ta' hexachlorocyclohexane ([6]) u d-Direttiva 86/280/KEE se jsiru superfluwi u għandhom jitħassru.

(10) L-ambjent akkwatiku jista' jiġi milqut minn tniġġis kimiku kemm fuq perijodu qasir kif ukoll fuq perijodu fit-tul u għalhekk sabiex jiġu stabbiliti l-EQS għandha tintuża d-data dwar l-effetti akuti u d-data dwar l-effetti kroniċi. Sabiex ikun żgurat li l-ambjent akkwatiku u s-saħħa tal-bniedem ikunu protetti b'mod xieraq, l-EQS, espressi bħala valur medju annwali, għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jipprovdi protezzjoni kontra l-espożizzjoni f'perijodu fit-tul, u għandhom jiġu stabbiliti konċentrazzjonijiet massimi permissibbli għall-protezzjoni kontra l-espożizzjoni f'perijodu qasir.

(11) Skond ir-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1.3.4. ta' l-Anness V mad-Direttiva 2000/60/KE, meta jsir il-monitoraġġ tal-konformità ma' l-EQS, inklużi dawk espressi bħala konċentrazzjonijiet massimi permissibbli, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu metodi ta' statistika, bħal kalkolu perċentili, sabiex jittrattaw outliers (devjazzjonijiet estremi mill-medja) u qari falz sabiex jiġi żgurat livell aċċettabbli ta' kunfidenza u preċiżjoni. Sabiex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-monitoraġġ bejn l-Istati Membri, huwa xieraq li jkun previst għall-istabbiliment ta' regoli dettaljati għal tali metodi statistiċi permezz tal-proċedura ta' kumitat.

(12) L-istabbiliment tal-valuri ta' l-EQS f'livell Komunitarju għandu, f'dan l-istadju, għall-maġġoranza tas-sustanzi ikun limitat għall-ilma tal-wiċċ biss. Madankollu, fir-rigward tal-eksaklorobenżin (hexachlorobenzene), l-eksaklorobutadien (hexachlorobutadiene) u l-merkurju, mhuwiex possibbli li tiġi żgurata protezzjoni kontra effetti indiretti u avvelenament sekondarju fil-livell Komunitarju permezz ta' EQS għall-ilma tal-wiċċ biss. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti EQS għall-bijota fil-livell Komunitarju għal dawk it-tliet sustanzi. Sabiex l-Istati Membri jkunu permessi flessibbiltà skond l-istrateġija ta' monitoraġġ tagħhom, huma għandhom ikunu jistgħu jew jimmonitorjaw u japplikaw dawk l-EQS għall-bijota, jew jistabbilixxu EQS aktar stretti għall-ilma tal-wiċċ li jipprovdu l-istess livell ta' protezzjoni.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 16. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).
([3]) ĠU L 81, 27.3.1982, p. 29. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 91/692/KEE.
([4]) ĠU L 291, 24.10.1983, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 91/692/KEE.
([5]) ĠU L 74, 17.3.1984, p. 49. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 91/692/KEE.
([6]) ĠU L 274, 17.10.1984, p. 11. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 91/692/KEE.

(13) Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jist-għu jistabbilixxu EQS għas-sediment u/jew il-bijota f'livell nazzjonali u japplikaw dawk l-EQS minflok l-EQS għall-ilma stabbiliti f'din id-Direttiva. Tali EQS għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' proċedura trasparenti li tin-volvi notifiki lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn sabiex ikun żgurat livell ta' protezzjoni ekwivalenti għall-EQS għall-ilma stabbilit fil-livell Komunitarju. Il-Kummissjoni għandha tiġbor fil-qosor dawn in-notifiki fir-rapporti tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE. Barra minn hekk, billi s-sediment u l-bijota jibqgħu matriċi importanti għall-monitoraġġ ta' ċerti sus-tanzi mill-Istati Membri, sabiex jiġu vvalutati l-impatti fuq perijodu fit-tul ta' l-attività u x-xejriet antropoġeniċi, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri, suġġett għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, bil-għan li jiżguraw li livelli eżistenti tal-kontaminazzjoni fil-bijota u s-sedi-menti ma jiżdidux sinifikament.

(14) L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ([1]) u jimmaniġġaw korpi fl-ilma tal-wiċċ użati għall-estrazzjoni ta' l-ilma għax-xorb skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, din id-Direttiva għandha tiġi implimentata mingħajr preġudizzju għal dawk ir-rekwiżiti li jistgħu jeħtieġu standards aktar stretti.

(15) Fil-viċinanza ta' rilaxx minn punti ta' sors il-konċentrazz-jonijiet ta' kontaminanti huma normalment ogħla mill-konċentrazzjonijiet ambjentali fl-ilma. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħmlu użu minn żoni ta' taħlit, sakemm dawn ma jaffettwawx il-konformità tal-bqija tal-korp ta' l-ilma tal-wiċċ ma' l-EQS rilevanti. Il-limiti taż-żoni ta' taħlit għandhom ikunu ristretti għall-prossimità tal-punt ta' skariku u jkunu proporzjonati.

(16) Huwa meħtieġ li tkun ivverifikata l-konformità ma' l-objettivi għal waqfien jew waqfien f'fażijiet, u t-tnaqqis, kif speċifikat fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2000/60/KE, li l-valutazzjoni ta' konformità ma' dawn l-obbligi ssir b'mod trasparenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsi-derazzjoni ta' emissjonijiet, rilaxx u telf sinifikanti bħala riżultat ta' l-attivitajiet tal-bniedem. Barra minn hekk, skeda ta' żmien għal waqfien jew waqfien f'fażijiet, u tnaqqis, tista' tkun relatata biss ma' inventarju. Għandha tkun possibbli wkoll il-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(4) sa (7) tad-Direttiva 2000/60/KE. Bl-istess mod, hija meħtieġa għodda adatta għall-kwantifikazzjoni ta' telf ta' sustanzi li jseħħ b'mod naturali, jew li jirriżulta minn proċessi naturali, fejn il-waqfien komplet jew il-waqfien f'fażijiet mis-sorsi potenzjali kollha huwa impos-sibbli. Sabiex jissodisfa dawk il-ħtiġijiet, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi inventarju ta' emissjonijiet, rilaxx u telf għal kull distrett ta' baċir ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċir ta' xmara fit-territorju tiegħu.

(17) Sabiex ikun evitat xogħol doppju sabiex jiġu stabbiliti dawk l-inventarji u sabiex tkun żgurata koerenza ta' dawk l-inventarji ma' għodda oħrajn eżistenti fil-qasam tal-pro-tezzjoni ta' l-ilma tal-wiċċ, l-Istati Membri għandhom jużaw l-informazzjoni miġbura taħt id-Direttiva 2000/60/KE u taħt ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti ([2]).

(18) Sabiex ikunu riflessi aħjar il-ħtiġijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu perijodu ta' referenza ta' sena adatt sabiex jitkejlu l-entrati bażiċi ta' l-inventarju. Madankollu, għandu jittieħed kont tal-fatt li t-telf mill-applikazzjoni tal-pestiċidi jista' jvarja b'mod konsiderevoli minn sena għal oħra minħabba rati ta' applikazzjoni differenti, per eżempju minħabba kondizz-jonijiet klimatiċi differenti. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu perijodu ta' referenza ta' 3 snin għal ċerti sustanzi koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkon-ċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([3]).

(19) Sabiex isir l-aħjar użu mill-inventarju, huwa kunsiljabbli li tiġi stabbilita data ta' skadenza għall-Kummissjoni sabiex tivverifika li l-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf qegħdin jagħmlu progress lejn il-konformità ma' l-objettivi stabbi-liti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2000/60/KE, suġġett għall-Artikolu 4(4) u (5) ta' dik id-Direttiva.

(20) Bosta Stati Membri huma affetwati minn tniġġis li s-sors tiegħu jkun jinsab barra l-ġurisdizzjoni nazzjonali tagħ-hom. Għalhekk jixraq li jiġi kkjarifikat li Stat Membru ma jkunx fi ksur ta' l-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva bħala riżultat tal-qabża ta' l-EQS minħabba tali tniġġis transkonfinali sakemm ikunu rispettati ċerti kondizz-jonijiet u jkun ħa vantaġġ, kif xieraq, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/60/KE.

(21) Abbażi ta' rapporti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali speċi-fiċi għall-Komunità kollha u, jekk xieraq, tagħmel pro-posti rilevanti.

([1]) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005.

([2]) ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1.

([3]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Diret-tiva tal-Kummissjoni 2007/50/KE (ĠU L 202, 3.8.2007, p. 15).

(22) Il-kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li huma persistenti, bijoakkumulativi u tossiċi, kif ukoll ta' sustanzi oħrajn ta' tħassib ekwivalenti, partikolarment persistenti ħafna u bijoakkumulativi ħafna, kif imsemmija fid-Direttiva 2000/60/KE, huma stabbiliti fid-Dokument Tekniku ta' Gwida għall-Valutazzjoni tar-Riskju bħala appoġġ tad-Direttiva tal-Kummissjoni 93/67/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1993 li tistabbilixxi l-prinċipji għall-istimi ta' riskju għall-bniedem u l-ambjent tas-sustanzi nnotifikati skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ([1]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għall-istudju dwar ir-riskji lill-bniedem u l-ambjent ta' materjali eżistenti skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 ([2]), u d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([3]). Sabiex tkun żgurata l-konsistenza tal-leġislazzjoni Komunitarja differenti, dawn il-kriterji biss għandhom ikunu applikati għas-sustanzi taħt reviżjoni skond id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE, u l-Anness X mad-Direttiva 2000/60/KE għandu jiġi sostitwit kif meħtieġ.

(23) L-obbligi stabbiliti fid-Direttivi elenkati fl-Anness IX tad-Direttiva 2000/60/KE diġà huma inkorporati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis ([4]) u fid-Direttiva 2000/60/KE u, ta' l-inqas, l-istess livell ta' protezzjoni huwa ggarantit jekk l-EQS jinżammu jew jiġu riveduti. Sabiex ikun żgurat approċċ konsistenti għat-tniġġis kimiku ta' l-ilmijiet tal-wiċċ u sabiex tkun issimplifikata u ċċarata l-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti f'dak il-qasam, huwa meħtieġ li jitħassru, skond id-Direttiva 2000/60/KE, b'effett mit-22 ta' Diċembru 2012, id-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE u 86/280/KEE.

(24) Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 2000/60/KE, b'mod partikolari dawk tal-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent ġew ikkunsidrati.

(25) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet ([5]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interessi tal-Komunità, l-iskedi tagħhom stess li, sa fejn hu possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jagħmluhom pubbliċi.

(26) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kisba ta' status kimiku tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ billi jiġu stabbiliti EQS għal sustanzi prijoritarji u ċerti kontaminanti oħrajn, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista', għalhekk, permezz taż-żamma ta' l-istess livell ta' protezzjoni ta' l-ilma tal-wiċċ fil-Komunità kollha, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(27) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([6]).

(28) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li temenda l-punt 3 tal-parti B ta' l-Anness I. Minħabba li dik il-miżura għandha għan ġenerali u hija mfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jew li tissupplimentah b'elementi mhux essenzjali ġodda, hija għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ u konformement mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, din id-Direttiva tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għal sustanzi prijoritarji u ċerti kontaminanti oħrajn kif previst fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE għandhom japplikaw għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Standards ta' kwalità ambjentali**

1. Skond l-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-EQS stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva fl-ilmijiet tal-wiċċ.

---

([1]) ĠU L 227, 8.9.1993, p. 9.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.
([3]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26.
([5]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([6]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

L-Istati Membri għandhom japplikaw l-EQS fl-ilmijiet tal-wiċċ skond ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B ta' l-Anness I.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw EQS għas-sediment u/jew il-bijota minflok dawk stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness I, f'ċerti kategoriji ta' ilma tal-wiċċ. L-Istati Membri li japplikaw din l-għażla għandhom:

(a) japplikaw, għall-merkurju u l-komposti tiegħu, EQS ta' 20 µg/kg, u/jew għall-eksaklorobenżin, EQS ta' 10g/kg, u/jew għall-eksaklorobutadien, EQS ta' 55 µg/kg, fejn dawn l-EQS huma għal tessuti tal-priża (piż bil-likwidu), bl-għażla ta' l-indikatur l-aktar adatt minn fost il-ħut, il-molluski, il-krustaċji u bijota oħra;

(b) jistabbilixxu u japplikaw EQS oħrajn li m'humiex imsemmija fil-punt (a) għas-sediment u/jew il-bijota għal sustanzi speċifikati. Dawn l-EQS għandhom joffru mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħall-EQS għall-ilma stabbilit fil-Parti A ta' l-Anness I;

(ċ) jiddeterminaw, għas-sustanzi msemmija fil-punti (a) u (b), il-frekwenza ta' monitoraġġ fil-bijota u/jew is-sediment. Madankollu, il-monitoraġġ għandu jsir mill-inqas darba fis-sena, sakemm teknika u l-ġudizzju espert ma jiġġustifikawx intervall ieħor; u

(d) jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħrajn, permezz tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2000/60/KE, dwar is-sustanzi li għalihom ġew stabbiliti EQS skond il-punt (b), ir-raġunijiet u l-bażi għall-użu ta' dan l-approċċ, l-EQS alternattivi li ġew stabbiliti, inklużi d-data u l-metodoloġija li bihom dawn ġew derivati, il-kategorija ta' l-ilma tal-wiċċ li għalihom dawn ikunu japplikaw, u l-frekwenza ta' monitoraġġ ippjanat, flimkien mal-ġustifikazzjoni għal dik il-frekwenza.

Il-Kummissjoni għandha tinkludi sommarju tan-notifikati skond il-punt (d) hawn fuq u n-nota (viii) għall-Parti A ta' l-Anness I fir-rapporti ppublikati skond l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2000/60/KE

3. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw l-analiżi tat-tendenza għall-perijodu fit-tul ta' konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi prijoritarji elenkati fil-Parti A ta' l-Anness I, li għandhom tendenza jakkumulaw fis-sediment u/jew fil-bijota (b'konsiderazzjoni partikolari mogħtija lis-sustanzi numri 2, 5, 6, 7, 12, 15, 16, 17, 18, 20, 21, 26, 28 u 30) abbażi tal-monitoraġġ ta' l-istatus ta' l-ilma mwettaq skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE. Huma għandhom jieħdu l-miżuri mmirati biex jassiguraw, suġġett għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, li tali konċentrazzjonijiet ma jiżdidux sinifikament fis-sediment u/jew fil-bijota rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-frekwenza ta' monitoraġġ fis-sediment u/jew fil-bijota sabiex jipprovdu data suffiċjenti għal analiżi tat-tendenza affidabbli għall-perijodu fit-tul. Bħala linja gwida, il-monitoraġġ għandu jsir kull tliet snin, sakemm il-konoxxenza teknika u l-ġudizzju espert ma jiġġustifikawx intervall ieħor.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress tekniku u xjentifiku, inkluża l-konklużjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju kif imsemmija fl-Artikolu 16(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-informazzjoni mir-reġistrazzjoni ta' sustanzi li jsiru disponibbli pubblikament skond l-Artikolu 119 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u, jekk meħtieġ, tipproponi r-reviżjoni ta' l-EQS stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat f'konformità ma' l-iskeda ta' żmien prevista fl-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2000/60/KE.

5. Il-Punt 3 ta' Parti B ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva jista' jiġi emendat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*Artikolu 4*

**Żoni ta' taħlit**

1. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw żoni ta' taħlit ħdejn il-punti ta' rilaxx. Il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminant wieħed jew aktar f'tali żoni ta' taħlit jistgħu jeċċedu l-EQS rilevanti jekk huma ma jaffettwawx il-konformità tal-kumplament ta' l-ilma tal-wiċċ ma' dawk l-istandards.

2. L-Istati Membri li jinnominaw żoni ta' taħlit għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-approċċi u l-metodoloġiji applikati sabiex jiġu derivati tali żoni fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċin ta' xmara magħmula skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE.

3. L-Istati Membri li jinnominaw żoni ta' taħlit għandhom jiżguraw li l-firxa ta' kwalunkwe tali żona hija:

(a) ristretta għall-viċinanza tal-punt ta' rilaxx;

(b) proporzjonata, b'konsiderazzjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti fil-punt ta' rilaxx u tal-kondizzjonijiet dwar emissjonijiet ta' kontaminanti li jinsabu fir-regolamenti ta' qabel, bħal awtorizzazzjonijiet u/jew permessi, imsemmijin fl-Artikolu 11(3)(g) tad-Direttiva 2000/60/KE u kwalunkwe liġi Komunitarja rilevanti oħra, skond l-applikazzjoni ta' l-aħjar tekniki disponibbli u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/60/KE, partikolarment wara li dawk ir-regolamenti ta' qabel jiġu riveduti.

*Artikolu 5*

**Inventarju ta' emissjonijiet, rilaxx u telf**

1. Bl-użu ta' l-informazzjoni miġbura skond l-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u skond ir-Regolament (KE) Nru 166/2006, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarju ta' l-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf tas-sustanzi prijoritarji u l-kontaminanti kollha elenkati fil-Parti A ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara li jkun fit-territorju tagħhom.

2. Il-perijodu ta' referenza għall-istima tal-valuri tal-kontaminanti li għandhom jitniżżlu fl-inventarji msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' sena waħda bejn l-2008 u l-2010.

Madankollu, għas-sustanzi prijoritarji jew il-kontaminanti koperti bid-Direttiva 91/414/KEE, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tas-snin 2008, 2009 u 2010.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-inventarji stabbiliti skond il-paragrafu 1, inklużi l-perijodi ta' referenza rispettivi, skond ir-rekwiżiti ta' rappurtar taħt l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/60/KE.

4. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħhom bħala parti mir-reviżjonijiet ta' l-analiżi speċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE.

Il-perijodu ta' referenza għall-istabbiliment ta' valuri fl-inventarji aġġornati għandu jkun is-sena ta' qabel ma jkollha titlesta dik l-analiżi. Għas-sustanzi prijoritarji jew il-kontaminanti koperti bid-Direttiva 91/414/KEE, l-entrati jistgħu jiġu kkalkolati bħala l-medja tat-tliet snin ta' qabel it-tlestija ta' dik l-analiżi.

L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-inventarji aġġornati fil-pjanijiet aġġornati tagħhom ta' ġestjoni tal-baċin ta' xmara kif stabbilit fl-Artikolu 13(7) tad-Direttiva 2000/60/KE.

5. Il-Kummissjoni għandha, sa l-2025, tivverifika li l-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf kif jidhru fl-inventarju qed jagħmlu progress lejn konformità ma' l-objettivi ta' tnaqqis jew waqfien stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(a)(iv) tad-Direttiva 2000/60/KE, suġġett għall-Artikolu 4(4) u (5) ta' dik id-Direttiva.

*Artikolu 6*

**Tniġġis transkonfinali**

1. Stat Membru m'għandux jitqies bħala li qed jikser l-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva bħala riżultat tal-qbiż tal-limitu ta' EQS jekk jista' juri li:

(a) il-qbiż tal-limitu kien dovut għal sors ta' tniġġis barra l-ġurisdizzjoni nazzjonali tiegħu; u

(b) minħabba f'tali tniġġis transkonfinali huwa ma setax jieħu miżuri effettivi sabiex jikkonforma ma' l-EQS rilevanti; u

(ċ) huwa kien applika l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni previsti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/60/KE u, kif xieraq, kien ħa vantaġġ mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(4), (5) u (6) ta' dik id-Direttiva għal dawk l-ilmijiet affettwati mit-tniġġis transkonfinali.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE sabiex jiġu pprovduti lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa fiċ-ċirkostanzi previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u sommarju tal-miżuri meħuda f'relazzjoni mat-tniġġis transkonfinali fil-pjan rilevanti ta' ġestjoni tal-baċin ta' xmara skond ir-rekwiżiti ta' rappurtar taħt l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/60/KE.

*Artikolu 7*

**Reviżjoni**

Abbażi ta' rapporti mill-Istati Membri, inklużi rapporti skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE u partikolarment dawk dwar it-tniġġis transkonfinali, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-ħtieġa għal miżuri speċifiċi addizzjonali mifruxin mal-Komunità kollha, bħall-kontrolli ta' l-emissjonijiet. Hija għandha tirrapporta l-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest tar-rapport imħejji skond l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2000/60/KE, akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti rilevanti.

*Artikolu 8*

**L-emendament tad-Direttiva 2000/60/KE**

L-Anness X mad-Direttiva 2000/60/KE għandu jiġi sostitwit mit-test li jinsab fl-Anness II ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

**L-emendament tad-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE u 86/280/KEE**

1. L-Anness II mad-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE u 84/491/KEE rispettivament għandu jitħassar.

2. L-Intestaturi B fit-Taqsimiet I sa XI ta' l-Anness II mad-Direttiva 86/280/KEE għandhom jitħassru.

*Artikolu 10*

**It-tħassir tad-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE u 86/280/KEE**

1. Id-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE u 86/280/KEE għandhom jitħassru b'effett mit-22 ta' Diċembru 2012.

2. Qabel it-22 ta' Diċembru 2012, l-Istati Membri jistgħu jwettqu l-monitoraġġ u r-rappurtar skond l-Artikoli 5, 8 u 15 tad-Direttiva 2000/60/KE minflok ma jwettqu dawn skond id-Direttivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 11*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa … (*).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 13*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*ANNESS I*

**Standards ta' kwalità ambjentali għal sustanzi prijoritarji u ċerti kontaminanti oħrajn**

PARTI A: STANDARDS TA' KWALITÀ AMBJENTALI (EQS)

AA: medja annwali;

MAC: konċentrazzjoni massima permissibbli;

Unità: [μg/l].

| Nru | Isem tas-sustanza | Numru CAS (1) | AA-EQS (2) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta (3) | AA-EQS (2) Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn | MAC-EQS (4) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta (3) | MAC-EQS (4) Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
| (1) | Alaklor | 15972-60-8 | 0,3 | 0,3 | 0,7 | 0,7 |
| (2) | Antraċen | 120-12-7 | 0,1 | 0,1 | 0,4 | 0,4 |
| (3) | Atrażin | 1912-24-9 | 0,6 | 0,6 | 2,0 | 2,0 |
| (4) | Benżin | 71-43-2 | 10 | 8 | 50 | 50 |
| (5) | Difeniletere brominat (5) | 32534-81-9 | 0,0005 | 0,0002 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (6) | Kadmju u l-komposti tiegħu<br>(skond il-klassijiet ta' l-ebusija ta' l-ilma) (6) | 7440-43-9 | ≤ 0,08 (Klassi 1)<br>0,08 (Klassi 2)<br>0,09 (Klassi 3)<br>0,15 (Klassi 4)<br>0,25 (Klassi 5) | 0,2 | ≤ 0,45 (Klassi 1)<br>0,45 (Klassi 2)<br>0,6 (Klassi 3)<br>0,9 (Klassi 4)<br>1,5 (Klassi 5) | |
| (6a) | Tetraklorur tal-karbonju (7) | 56-23-5 | 12 | 12 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (7) | C10-13 kloroalkani | 85535-84-8 | 0,4 | 0,4 | 1,4 | 1,4 |
| (8) | Klorfenvinfos | 470-90-6 | 0,1 | 0,1 | 0,3 | 0,3 |
| (9) | Klorpirifos (Klorpirifos-etil) | 2921-88-2 | 0,03 | 0,03 | 0,1 | 0,1 |
| (9a) | Pestiċidi miċ-ċiklodien:<br>Aldrin (7)<br>Dieldrin (7)<br>Endrin (7)<br>Isodrin (7) | 309-00-2<br>60-57-1<br>72-20-8<br>465-73-6 | Σ = 0,01 | Σ = 0,005 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (9b) | DDT totali (8) (7) | mhux applikabbli | 0,025 | 0,025 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | para-para-DDT (7) | 50-29-3 | 0,01 | 0,01 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (10) | 1,2-Dikloroetan | 107-06-2 | 10 | 10 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (11) | Diklorometan | 75-09-2 | 20 | 20 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (12) | Di(2-etileksil)-ftalat (DEHP) | 117-81-7 | 1,3 | 1,3 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (13) | Diuron | 330-54-1 | 0,2 | 0,2 | 1,8 | 1,8 |
| (14) | Endosulfan | 115-29-7 | 0,005 | 0,0005 | 0,01 | 0,004 |
| (15) | Fluworanten | 206-44-0 | 0,1 | 0,1 | 1 | 1 |

| Nru | Isem tas-sustanza | Numru CAS (1) | AA-EQS (2) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta (3) | AA-EQS (2) Ilmijiet tal-wiċċ ohrajn | MAC-EQS (4) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta (3) | MAC-EQS (4) Ilmijiet tal-wiċċ ohrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
| (16) | Eksaklorobenżin | 118-74-1 | 0,01 (9) | 0,01 (9) | 0,05 | 0,05 |
| (17) | Eksaklorobutadien | 87-68-3 | 0,1 (9) | 0,1 (9) | 0,6 | 0,6 |
| (18) | Eksakloroċiklohexan | 608-73-1 | 0,02 | 0,002 | 0,04 | 0,02 |
| (19) | Isoproturon | 34123-59-6 | 0,3 | 0,3 | 1,0 | 1,0 |
| (20) | Ċomb u l-komposti tiegħu | 7439-92-1 | 7,2 | 7,2 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (21) | Merkurju u l-komposti tiegħu | 7439-97-6 | 0,05 (9) | 0,05 (9) | 0,07 | 0,07 |
| (22) | Naftalen | 91-20-3 | 2,4 | 1,2 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (23) | Nikil u l-komposti tiegħu | 7440-02-0 | 20 | 20 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (24) | Nonilfenol (4-Nonilfenol) | 104-40-5 | 0,3 | 0,3 | 2,0 | 2,0 |
| (25) | Oktilfenol (4-(1,1’,3,3’-tetrametilbutil)-fenol) | 140-66-9 | 0,1 | 0,01 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (26) | Pentaklorobenżin | 608-93-5 | 0,007 | 0,0007 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (27) | Pentaklorofenol | 87-86-5 | 0,4 | 0,4 | 1 | 1 |
| (28) | Idrokarburi poliaromatiċi (PAH) (10) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | Benzo(a)piren | 50-32-8 | 0,05 | 0,05 | 0,1 | 0,1 |
| | Benzo(b)fluworanten | 205-99-2 | Σ = 0,03 | Σ = 0,03 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | Benzo(k)fluworanten | 207-08-9 | | | | |
| | Benzo(g,h,i)perilen | 191-24-2 | Σ = 0,002 | Σ = 0,002 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| | Indeno(1,2,3-cd)piren | 193-39-5 | | | | |
| (29) | Simażin | 122-34-9 | 1 | 1 | 4 | 4 |
| (29a) | Tetrakloroetilen (7) | 127-18-4 | 10 | 10 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (29b) | Trikloroetilen (7) | 79-01-6 | 10 | 10 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |

| Nru | Isem tas-sustanza | Numru CAS ([1]) | AA-EQS ([2]) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta ([3]) | AA-EQS ([2]) Ilmijiet tal-wiċċ ohrajn | MAC-EQS ([4]) Ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta ([3]) | MAC-EQS ([4]) Ilmijiet tal-wiċċ ohrajn |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) |
| (30) | Komposti ta' Tributiltin (katjonu ta' Tributiltin) | 36643-28-4 | 0,0002 | 0,0002 | 0,0015 | 0,0015 |
| (31) | Triklorobenżini | 12002-48-1 | 0,4 | 0,4 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (32) | Trikolorometan | 67-66-3 | 2,5 | 2,5 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| (33) | Trifluralin | 1582-09-8 | 0,03 | 0,03 | mhux applikabbli | mhux applikabbli |

([1]) CAS: Is-Servizz ta' l-Astratti Kimiċi.

([2]) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala valur medju annwali (AA-EQS). Sakemm ma jkunx speċifikat mod iehor, dan japplika għall-konċentrazzjoni totali ta' l-isomeri kollha.

([3]) L-ilmijiet tal-wiċċ 'il ġewwa mill-kosta jkopru xmajjar u lagi u korpi ta' l-ilma relatati li jkunu artifiċjali jew modifikati ħafna.

([4]) Dan il-parametru huwa l-EQS espress bħala l-konċentrazzjoni massima permessa (MAC-EQS). Fejn il-MAC-EQS huma mmarkati bħala "mhux applikabbli", il-valuri AA-EQS huma kkunsidrati bħala protettivi kontra apiċi ta' tniġġis għall-perijodu qasir f'rilaxx kontinwu, billi huma sinifikament aktar baxxi mill-valuri miksubin abbażi ta' tossiċità qawwija.

([5]) Għall-grupp ta' sustanzi prijoritarji koperti mid-difenileteri brominati (Nru 5) elenkati fid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE, huwa stabbilit EQS biss għan-numri ta' l-istess klassi 28, 47, 99, 100, 153 u 154.

([6]) Għall-Kadmju u l-komponenti tiegħu (Nru 6) il-valuri EQS ivarjaw skond l-ebusija ta' l-ilma kif speċifikat f'ħames kategoriji ta' klassi (il-Klassi 1: < 40 mg $CaCO_3$/l, Klassi 2: 40 to < 50 mg $CaCO_3$/l, Klassi 3: 50 to < 100 mg $CaCO_3$/l, Klassi 4: 100 to < 200 mg $CaCO_3$/l u Klassi 5: ≥ 200 mg $CaCO_3$/l).

([7]) Din is-sustanza mhijiex sustanza prijoritorja iżda waħda mill-kontaminanti l-oħrajn li għalihom, l-EQS huma identiċi għal dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni li kienet tapplika qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

([8]) Id-DDT totali jikkonsisti mill-għadd ta' l-isomeri 1,1,1-trikloro-2,2 bis (p-klorifenil) etan (Numru CAS 50-29-3; Numru EU 200-024-3); 1,1,1-trikloro-2 (o-klorofenil)-2-(p-klorifenil) etan (Numru CAS 789-02-6; Numru EU 212-332-5); 1,1-dikloro-2,2 bis (p-klorifenil) etilen (Numru CAS 72-55-9; Numru EU 200-784-6); u 1,1-dikloro-2,2 bis (p-klorifenil) etan (Numru CAS 72-54-8; Numru EU 200-783-0).

([9]) Jekk l-Istati Membri ma japplikawx l-EQS għall-bijota, huma għandhom jintroduċu EQS aktar stretti għall-ilma sabiex jilħqu l-istess livell ta' protezzjoni bħall-EQS għall-bijota stabbilit fl-Artikolu 3(2). Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, permezz tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2000/60/KE, dwar ir-raġunijiet u l-bażi għall-użu ta' dan l-approċċ, l-EQS alternattiv għall-ilma stabbilit, inkluż id-data u l-metodoloġija li biha nkisbu, u l-kategoriji tal-wiċċ ta' l-ilma li japplikaw għalihom.

([10]) Għall-grupp ta' sustanzi prijoritarji ta' idrokarboni poliaromatiċi (PAH) (Nru 28), huwa applikabbli kull EQS individwali, jiġifieri għandhom jintlaħqu l-EQS għall-Benzo(a)piren, l-EQS għall-għadd ta' Benzo(b)fluworanten u Benzo(k)fluworanten u l-EQS għall-għadd ta' Benzo(g,h,i)perilen u Indeno(1,2,3-cd)piren.

## PARTI B: APPLIKAZZJONI TA' L-EQS PREVISTI FIL-PARTI A

1. Il-kolonni 4 u 5 tat-Tabella: Għal kwalunkwe korp ta' ilma tal-wiċċ partikolari, li japplika l-AA-EQS tfisser li, għal kull punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv fil-korp ta' l-ilma, il-medja aritmatika tal-konċentrazzjonijiet imkejla fi żminijiet differenti matul is-sena, ma taqbiżx l-istandard.

   Il-kalkolu tal-medja aritmatika u l-metodu analitiku li jintużaw għandhom ikunu f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni …/… ta' … li tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-monitoraġġ kimiku u għall-kwalità tar-riżultati analitiċi skond id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), inkluż kif jiġi applikat EQS fejn m'hemm l-ebda metodu analitiku xieraq li jilħaq il-kriterji ta' prestazzjoni minimi.

2. Il-kolonni 6 u 7 tat-Tabella: Għal kwalunkwe korp ta' ilma tal-wiċċ partikolari, li japplika l-MAC-EQS tfisser li l-konċentrazzjoni mkejla fi kwalunkwe punt ta' monitoraġġ rappreżentattiv fil-korp ta' l-ilma, ma taqbiżx l-istandard.

   Madankollu, f'konformità mat-taqsima 1.3.4 ta' l-Anness V mad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu metodi ta' statistika, bħal kalkolu perċentwali, sabiex jiġi żgurat livell aċċettabbli ta' fiduċja u preċiżjoni għad-determinazzjoni ta' konformità ma' l-MAC-EQS. Jekk jagħmlu hekk, dawn il-metodi ta' statistika għandhom ikunu konformi mar-regoli dettaljati stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2000/60/KE.

3. Bl-eċċezzjoni tal-kadmju, iċ-ċomb, il-merkurju u n-nikil (minn issa 'l quddiem "metalli") l-EQS stabbiliti f'dan l-Anness huma espressi bħala konċentrazzjonijiet totali fil-kampjun kollu ta' l-ilma. Fil-każ ta' metalli, l-EQS jirreferi għall-konċentrazzjoni maħlula, jiġifieri l-fażi maħlula ta' kampjun ta' l-ilma miksuba b'filtrazzjoni permezz ta' filter 0,45 µm jew kwalunkwe pretrattament ekwivalenti.

   L-Istati Membri jistgħu, meta jivvalutaw ir-riżultati ta' monitoraġġ ma' l-EQS, jieħdu kont ta':

   (a) konċentrazzjonijiet ta' l-isfond naturali għall-metalli u l-komponenti tagħhom, jekk dawn jimpedixxu l-konformità mal-valur ta' l-EQS; u

   (b) l-ebusija, il-pH jew parametri oħrajn tal-kwalità ta' l-ilma li jaffettwaw il-bijodisponibbiltà tal-metalli.

([1]) ĠU L …

*ANNESS II*

L-Anness X mad-Direttiva 2000/60/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS X*

**Lista ta' sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika ta' l-ilma**

| Numru | Numru CAS (1) | Numru EU (2) | Isem tas-sustanza prijoritarja (*) | Identifikat bhala sustanza perikoluża prijoritarja |
|---|---|---|---|---|
| (1) | 15972-60-8 | 240-110-8 | Alaklor | |
| (2) | 120-12-7 | 204-371-1 | Antraċen | X |
| (3) | 1912-24-9 | 217-617-8 | Atrażin | |
| (4) | 71-43-2 | 200-753-7 | Benżin | |
| (5) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Difeniletere brominat (**) | X (***) |
| | 32534-81-9 | mhux applikabbli | Pentabromodifeniletere (numri ta' l-istess klassi 28, 47, 99, 100, 153 u 154) (*) | |
| (6) | 7440-43-9 | 231-152-8 | Kadmju u l-komposti tiegħu | X |
| (7) | 85535-84-8 | 287-476-5 | Kloroalkani, $C_{10-13}$ (**) | X |
| (8) | 470-90-6 | 207-432-0 | Klorfenvinfos | |
| (9) | 2921-88-2 | 220-864-4 | Klorpirifos<br>(Klorpirifos-etil) | |
| (10) | 107-06-2 | 203-458-1 | 1,2-dikloroetan | |
| (11) | 75-09-2 | 200-838-9 | Diklorometan | |
| (12) | 117-81-7 | 204-211-0 | Di(2-etileksil)ftalat (DEHP) | |
| (13) | 330-54-1 | 206-354-4 | Diuron | |
| (14) | 115-29-7 | 204-079-4 | Endosulfan | X |
| (15) | 206-44-0 | 205-912-4 | Fluworanten (****) | |
| (16) | 118-74-1 | 204-273-9 | Eksaklorobenżin | X |
| (17) | 87-68-3 | 201-765-5 | Eksaklorobutadien | X |
| (18) | 608-73-1 | 210-158-9 | Eksakloroċikloħexan | X |
| (19) | 34123-59-6 | 251-835-4 | Isoproturon | |
| (20) | 7439-92-1 | 231-100-4 | Ċomb u l-komposti tiegħu | |
| (21) | 7439-97-6 | 231-106-7 | Merkurju u l-komposti tiegħu | X |
| (22) | 91-20-3 | 202-049-5 | Naftalen | |
| (23) | 7440-02-0 | 231-111-14 | Nikil u l-komposti tiegħu | |

| Numru | Numru CAS ([1]) | Numru EU ([2]) | Isem tas-sustanza prijoritarja (*) | Identifikat bħala sustanza perikoluża prijoritarja |
|---|---|---|---|---|
| (24) | 25154-52-3 | 246-672-0 | Nonilfenol | X |
| | 104-40-5 | 203-199-4 | (4-(para)nonilfenol) (*) | X |
| (25) | 1806-26-4 | 217-302-5 | Oktilfenol | |
| | 140-66-9 | mhux applikabbli | (4-(1,1',3,3'-tetrametilbutil)-fenol) (*) | |
| (26) | 608-93-5 | 210-172-5 | Pentaklorobenżin | X |
| (27) | 87-86-5 | 231-152-8 | Pentaklorofenol | |
| (28) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Idrokarburi poliaromatiċi | X |
| | 50-32-8 | 200-028-5 | (Benzo(a)piren) | X |
| | 205-99-2 | 205-911-9 | (Benzo(b)fluworanten) | X |
| | 191-24-2 | 205-883-8 | (Benzo(g,h,i)perilen) | X |
| | 207-08-9 | 205-916-6 | (Benzo(k)fluworanten) | X |
| | 193-39-5 | 205-893-2 | (Indeno(1,2,3-cd)piren) | X |
| (29) | 122-34-9 | 204-535-2 | Simażin | |
| (30) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Komposti ta' Tributiltin | X |
| | 36643-28-4 | mhux applikabbli | Katjonu ta' Tributiltin | X |
| (31) | 12002-48-1 | 234-413-4 | Triklorobenżini | |
| (32) | 67-66-3 | 200-663-8 | Triklorometan (kloroform) | |
| (33) | 1582-09-8 | 216-428-8 | Trifluralin | |

([1]) CAS: Is-Servizz ta' l-Astratti Kimiċi.
([2]) Numru-EU: L-Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew il-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).
(*) Fejn ikunu ntgħażlu gruppi ta' sustanzi, qed jiġu elenkati rappreżentattivi individwali tipiċi bħala parametri indikattivi (fil-parentesi u mingħajr numru). Għal dawn il-gruppi ta' sustanzi, il-parametru indikattiv għandu jiġi definit permezz tal-metodu analitiku.
(**) Dawn il-gruppi ta' sustanzi normalment jinkludu numru konsiderevoli ta' komponenti individwali. Attwalment, ma jistgħux jingħataw parametri indikattivi xierqa.
(***) Pentabromodifeniletere biss (numru CAS 32534-81-9).
(****) Il-fluworanten jinsab fil-lista bħala indikatur ta' idrokarboni poliaromatiċi oħra li huma aktar perikolużi."

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. DAĦLA

Il-Kummissjoni adottat f'Lulju 2006, il-proposta tagħha għal Direttiva dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika dwar l-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari f'Mejju 2007.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu f'April 2007 ([1]). Il-Kumitat tar-Reġjuni ma tax opinjoni.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu fl-20 ta' Diċembru 2007.

## II. OBJETTIV

Id-Direttiva proposta tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali (EQS) għal sustanzi prijoritarji u ċerti kontaminanti oħrajn, kif previst fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE (id-"direttiva qafas dwar l-ilma").

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. *Ġenerali*

Il-pożizzjoni komuni tinkorpora bosta mill-emendi tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, verbatim, parzjalment jew fl-ispirtu. Madankollu, hija ma tirriflettix il-maġġoranza ta' l-emendi, għax il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni li dawn m'humiex meħtieġa u/jew mixtieqa.

Il-pożizzjoni komuni tinkludi wkoll għadd ta' bidliet minbarra dawk maħsuba fl-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-bidliet ta' sustanza. Barra min dan, hemm bidliet ta' abbozzar biex jikkjarifikaw it-test jew biex tiġi żgurata l-koerenza globali tad-Direttiva.

### 2. *Suġġett u definizzjonijiet* (l-Artikoli 1 u 2)

L-Artikolu 1 huwa parzjalment konsistenti ma' l-emenda 20, fis-sens li jikkjarifika li d-Direttiva tistabbilixxi EQS bil-għan li jintlaħaq status kimiku tajjeb skond id-dispożizzjonijiet u l-objettivi tad-direttiva qafas dwar l-ilma. Il-pożizzjoni komuni tinkludi l-Artikolu 2 ġdid biex jiġi kkjarifikat li d-definizzjonijiet tad-direttiva qafas dwar l-ilma huma applikabbli.

### 3. *Standards ta' kwalità ambjentali* (l-Artikolu 3 u l-Anness I)

L-Artikolu 3 huwa parzjalment konsistenti ma' l-emendi 21 u 66 fis-sens li fil-paragrafu 1 tiegħu, huwa jikkjarifika r-rabtiet mad-direttiva qafas dwar l-ilma. L-Artikolu huwa wkoll parzjalment konsistenti ma' l-emenda 26, peress li l-paragrafu 2 ġdid jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jwettqu monitoraġġ f'bijota jew sediment b'ċerti kondizzjonijiet.

L-Artikolu 3(3) jikkjarifika li, minbarra l-applikazzjoni ta' l-EQS, l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tat-tendenza fuq perijodu twil ta' dawk is-sustanzi prijoritarji li għandhom tendenza li jakkumulaw f'sediment u/jew f'bijota.

L-Artikolu 3(4) jinkorpora referenza għar-Regolament REACH u għalhekk huwa konsistenti bis-sħiħ ma' l-emenda 29.

L-Artikolu 3(5) jipprevedi l-użu ta' proċedura regolatorja bi skrutinju, peress li l-bidliet għar-regoli dettaljati li jikkonċernaw il-monitoraġġ ta' metalli jikkostitwixxu emenda għall-korp tad-Direttiva.

([1]) ĠU C 97, 28.4.2007, p. 3.

L-Anness I, il-Parti A, huwa konsistenti ma' l-għan ta' l-emendi 50 u 51 fis-sens li huwa jikkombina t-tabella li tistabbilixxi l-EQS għal kontaminanti oħrajn ma' dik għal sustanzi prijoritarji. Madankollu, huwa jikkjarifika li l-kombinar tat-tabelli ma jerġax jikklassifika l-kontaminanti l-oħrajn bħala sustanzi prijoritarji, għax b'dan ikun qed jibdel il-klassifikazzjonijiet li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwarhom permezz tad-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE.

L-Anness I, il-Parti B, huwa parzjalment konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 30 u b'mod ġenerali konsistenti ma' l-għan ta' l-emenda 52, fis-sens li huwa jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni biex jittieħed kont ta' konċentrazzjonijiet fl-isfond tal-metalli u dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati permezz ta' komitoloġija. Huwa jinkludi kjarifika dwar il-metodi analitiċi u ta' statistika applikabbli.

4. *Żoni ta' taħlit* (l-Artikolu 4)

L-Artikolu 4 huwa parzjalment konsistenti ma' l-għan ta' l-emendi 35 u 36, fis-sens li huwa jikkjarifika li l-limitu taż-żoni ta' taħlit għandu jkun proporzjonat u rivedut regolarment. Il-pożizzjoni komuni tuża t-terminu iqsar u aktar ċar "żoni ta' taħlit" minflok "żoni transitorji ta' qbiż tal-limiti".

Il-pożizzjoni komuni ma tagħmel l-ebda dispożizzjoni għall-użu tal-komitoloġija. Minflok, il-Kummissjoni ser toħroġ linji gwida għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu.

5. *Inventarju ta' emissjonijiet, rilaxx u telf* (l-Artikolu 5)

L-Artikolu 5 jinkorpora l-emenda 40 parzjalment. Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emendi l-oħrajn li jikkonċernaw l-inventarju, b'kont meħud li dawn joħolqu piżijiet amministrattivi addizzjonali bla bżonn għall-Istati Membri, ma jkunux konsistenti mad-direttiva qafas dwar l-ilma, jew m'humiex meħtieġa.

Għal darb'oħra, il-pożizzjoni komuni ma tagħmel l-ebda dispożizzjoni għall-użu tal-komitoloġija. Minflok, il-Kummissjoni ser toħroġ linji gwida għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu.

6. *Tniġġis transkonfini* (l-Artikolu 6)

Il-pożizzjoni komuni tinkludi Artikolu ġdid biex jiġu kkjarifikati l-obbligi ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-tniġġis transkonfini. Dan huwa parzjalment konsistenti ma' l-emendi 24 u 47.

7. *Reviżjoni* (l-Artikolu 7)

L-Artikolu 7 ġdid jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrevedi l-ħtieġa għal miżuri speċifiċi addizzjonali għall-Komunità kollha. Dan huwa konsistenti parzjalment jew fil-prinċipju ma' l-emendi 20, 32, 33 u 45.

8. *L-Anness II — l-emendi għall-Anness X għad-direttiva qafas dwar l-ilma*

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emendi 53 sa 63 u 70, li jikklassifikaw bosta sustanzi prijoritarji u l-kontaminanti l-oħrajn bħala sustanzi perikolużi prijoritarji. L-anqas ma jista' jaċċetta l-emenda 65, li mad-direttiva qafas dwar l-ilma, iżżid lista ta' sustanzi soġġetti għal reviżjoni biex jiġu identifikati bħala sustanzi prijoritarji possibbli jew sustanzi perikolużi prijoritarji. L-Artikolu 16 tad-direttiva qafas dwar l-ilma diġà jipprevedi reviżjoni regolari ta' l-Anness X. Il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni li din ir-reviżjoni għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet xjentifiċi biss.

Reviżjoni tal-lista ta' sustanzi prijoritarji, inkluż l-iskop għall-inklużjoni ta' sustanzi addizzjonali u l-kriterji għall-prijoritizzazzjoni, qegħda titwettaq bħalissa taħt l-istrateġija ta' implimentazzjoni komuni għad-direttiva qafas dwar l-ilma, bil-ħsieb li l-Kummissjoni tagħmel proposti għall-emenda tal-lista kif xieraq skond l-iskeda ta' żmien għar-reviżjoni stabbilita fl-Artikolu 16(4) tad-direttiva qafas dwar l-ilma.

9. *Oħrajn*

Barra minn hekk, il-pożizzjoni komuni:

— tinkorpora test dwar tabelli ta' korrelazzjoni konsistenti mal-paragrafu 34 tal-Ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet;

— tinkludi bidliet konsegwenzjali għall-premessi u tinkorpora l-emendi 1, 4, 7 (parzjalment), 14 (fil-prinċipju) u 73 (parzjalment).

IV. **KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni komuni tirrappreżenta pakkett bilanċjat li jirrispetta d-dispożizzjonijiet u l-objettivi tad-direttiva qafas dwar l-ilma. Huwa jistenna bil-ħerqa diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb ta' l-adozzjoni bikrija tad-Direttiva.